# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI PRELIMINARI NRU. 2063

KAZ 2844

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

bejn

Eleonora Talarico

u

Referprom Ltd.

Illum : 4 ta' April, 2011

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta.*

**Chairman : George Borg Cardona**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali b'rikors prezentat fil-Qorti fil-11 ta' Ottubru 2010.

It-Tribunal zamm seduta wahda fejn sema' sottomissjonijiet fuq l-eccezzjoni preliminari.

Eleonora Talarico, aktar il-quddiem tissejjah l-"appellant", kienet assistita mill-avukat Alistair Degaetano, u Referprom Ltd., aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet assistita mill-avukat Andrew Borg Cardona.

L-appellant ikkontendiet illi r-rizenja taghha kienet *constructive dismissal* ikkagunat minn agir abbuziv tal-Kumpanija ghaliex din kienet taf li l-appellant kienet fuq medicini b'effett psikotropiku b'rizultat li ma kelliex kontroll assolut mill-fakultajiet taghha.

Il-Kumpanija sostniet li l-ittra ta' rizenja kienet tikkostitwixxi ftehim li jorbot il-partijiet u li permezz tieghu l-Kumpanija hallset lill-appellant ammont konsiderevoli. Dan il-ftehim hu kuntratt li l-appellant qed tikkontendi li hu null u bla effett u din hi materja li taqa' taht il-kompetenza tal-Qorti Civili biex tinvestiga l-validita taghha.

It-Tribunal jidhirlu li mhix kompetenza tieghu li jiddeciedi dwar validita ta' kuntratt u ghalhekk m'ghandux gurizdizzjoni f'din il-materja.

Ghaldaqstant it-Tribunal ma jiehux aktar konjizzjoni tal-kaz.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-0partijiet fl-ammont € 50 (hamsin ewro)

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Iffirmat : George Borg Cardona
Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
Ghas-Segretarju